Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2018/C 133/04)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]). F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkollu rilevanza simbolika għolja f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Is-sena Ewropea tal-Wirt Kulturali — Il-grupp Laocoön

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri l-istatwa ta' Laocoön u t-tfal tiegħu, imsejjaħ ukoll il-Grupp Laocoön, ħidma fondamentali tal-iskultura dinjija, fundamentali għall-Mużewijiet tal-Vatikan. Fiċ-ċentru t'isfel, hemm l-iskrizzjoni tal-pajjiż li qed joħroġ il-munita "Città del VATICANO". Mix-xellug għal-lemin, f'nofs tond, l-iskrizzjoni "ANNO EUROPEO DEL PATRIMONIO CULTURALE". Fuq nett fuq il-lemin hemm is-sena tal-ħruġ "2018" u l-marka taz-zekka "R". Fil-qiegħ, fuq il-lemin, l-isem tal-artist "D. LONGO".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 101 000

Data tal-ħruġ: il-31 ta' Mejju 2018

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).